MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 309/2005

**Emanuel Zammit**

**vs**

**Charles Pulis**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jizgombra d-dghajsa tieghu mill-"boatyard" bl-isem "Holma", St. Rocco Street, Kalkara u dan billi tilef kull dritt li javvalixxi ruhu mill-magazzinagg ta' l-imsemmija dghajsa fil-"boatyard" fuq imsemmija in vista tal-ksur ta' l-obbligi imposti fuqu;

2. Illi jhallas is-somma ta’ mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), rapprezentanti kera dovuta minnu ghat-terminu li ghalaq f’Novembru tas-sena 2004;
3. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-istess konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-notifika pozittiva ta’ l-konvenut li nonostante l-opportunita’ li nghata biex jippromwovi l-kaz tieghu ‘il quddiem baqa’ inadempjenti, (ara fol 7 u fol 12);

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur hu proprjetarju ta’ “boatyard” bl-isem “Holma”, Triq Santu Rokku, il-Kalkara;
2. Illi l-konvenut ihalli d-dghajsa proprjeta’ tieghu ta’ tnejn u tletin, (32), pied, iggaraxxjata fl-imsemmija “boatyard”;
3. Illi l-kanone li l-istess konvenut ihallas lill-attur ghal dan is-servizz ta’ kera jammonta ghal mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), fis-sena, imhallsin bil-quddiem;
4. Illi skond l-attur, (ara fol 9), il-konvneut baqa’ morus ghall-ahhar tlett (3) snin;
5. Illi ghalkemm l-attur kien jistaqsi ghall-pagamenti dovuti mill-konvenut, dan ta’ l-ahhar baqa’ morus;
6. Illi nonostante li l-konvenut kien interpellat biex ihallas il-kanone dovut, kien kollu ghal xejn;
7. Illi l-ammont pretiz mill-attur hu limitat ghal mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0);
8. Illi konsegwentement l-attur qed jitlob ukoll li jizgombra d-dghajsa in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante li nghata l-opportunita', il-konvenut ghazel li ma jikkontestax it-talbiet attrici u ma jipprezentax ruhu fil-forum odjern ghad-dibattu legali;

Illi ghaldaqstant ghamilha facli lill-qorti biex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha stante li t-tezi attrici ma sabet l-ebda ostakolu kontradittorju u ghalhekk timmerita li tigi emnuta fit-totalita' taghha;

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tordna lill-konvenut Charles Pulis biex jizgombra d-dghajsa tieghu mill-"boatyard" bl-isem "Holma", Triq Santu Rokku, Kalkara, fi zmien xahar mil-lum;

2. Illi fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur Emanuel Zammit biex jestrometti l-istess dghajsa mill-istess fond, kemm –il darba l-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti jghaddi inutilment, u dan, a spejjez ta' l-istess konvenut Charles Pulis;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut Charles Pulis, mid-data tas-sentenza odjerna.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------